

Brussell, 18 ta' Diċembru 2025
(OR. en)

17010/25
ADD 1

Fajl Interistituzzjonali:
2025/0420 (COD)

CLIMA 617
ENV 1417
TRANS 661
MI 1083
COMPET 1377
CODEC 2172

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPRez, Direttur
data meta waslet:	17 ta' Diċembru 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2025) 995 annex
Suġġett:	ANNESS tal- Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) 2019/631 fir-rigward tal-istandards ta' prestazzjoni tal-emissjonijiet tas-CO2 għal vetturi ħfief ġodda u għat-tikkettar tal-vetturi u li jħassar id-Direttiva 1999/94/KE

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2025) 995 annex.

Mehmuż: COM(2025) 995 annex



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Strasburgu, 16.12.2025
COM(2025) 995 final

ANNEX

ANNEX

tal-

Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (UE) 2019/631 fir-rigward tal-istandards ta' prestazzjoni tal-emissjonijiet tas-CO₂ għal vetturi ħfief ġodda u għat-tikkettar tal-vetturi u li jħassar id-Direttiva 1999/94/KE

{SEC(2025) 995 final} - {SWD(2025) 1057 final} - {SWD(2025) 1058 final} -
{SWD(2025) 1059 final}

ANNEX

L-Anness I huwa emendat kif ġej:

(a) fil-Parti A, jiżdied il-punt 7 li ġej:

“7. Krediti tal-fjuwil u krediti tal-azzar b’livell baxx ta’ emissjonijiet ta’ karbonju.

7.1. Krediti tal-azzar b’livell baxx ta’ emissjonijiet ta’ karbonju

Kreditu tal-azzar b’livell baxx ta’ emissjonijiet ta’ karbonju = $GHGsavings_{\text{low-carbon steel}} [\text{kgCO}_2/\text{t azzar}] * \text{il-kwantità ta’ azzar b’livell baxx ta’ emissjonijiet ta’ karbonju magħmul fl-UE użat fil-karozzi tal-passiġġieri mill-manifattur fis-sena kalendarja [t]/(\text{newcars} * \text{kilometraġġ})$
--

Filwaqt li jitqiesu r-regoli kollha definiti fl-Artikolu 5b

fejn:

$GHGsavings_{\text{low-carbon steel}}$	huwa l-intensità tal-emissjonijiet tas-CO ₂ tal-azzar tax-xenarju bażi – l-intensità medja tal-emissjonijiet tas-CO ₂ tal-azzar b’livell baxx ta’ emissjonijiet ta’ karbonju magħmul fl-UE użat minn manifattur fil-karozzi tal-passiġġieri [kg CO ₂ /t azzar] fis-sena kalendarja
newcars	huwa n-numru ta’ karozzi ġodda tal-passiġġieri rreġistrati, li l-manifattur huwa responsabbli għalihom, fis-sena kalendarja
kilometraġġ	huwa l-kilometraġġ medju tul il-ħajja tal-karozzi tal-passiġġieri, li huwa stabbilit għal 240 000 [km]

7.2. Krediti tal-fjuwil

kreditu tal-fjuwil	huwa s-somma għall-fjuwils eliġibbli kollha msemmija fl-Artikolu 5a(2) ta’: $Q_{\text{fuel}} * GHGsavings * \frac{\text{fuelsharecars}}{\text{newcars} * \text{mileage}}$ Filwaqt li jitqiesu r-regoli kollha definiti fl-Artikolu 5a
--------------------	---

fejn:

Q_{fuel}	huwa, għal kull fjuwil, il-kwantità tal-enerġija mqiegħda fis-suq tal-Unjoni għas-settur tat-trasport bit-triq, kif irrapportata fil-
-------------------	---

	Bażi tad-Data tal-Unjoni stabbilita skont l-Artikolu 31a tad-Direttiva (UE) 2018/2001 [MJ]
GHGsavings	huwa, għal kull fjuwil, id-differenza bejn il-komparatur tal-fjuwils fossili u l-intensità tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tal-fjuwil kif irrapportata fil-bażi tad-data tal-Unjoni stabbilita skont l-Artikolu 31a tad-Direttiva (UE) 2018/2001 [g CO ₂ e/MJ]
il-komparatur tal-fjuwils fossili	huwa kif definit fil-punt 19 tal-Parti C tal-Anness 5 tad-Direttiva (UE) 2018/2001 għall-bijofjuwils, fil-punt 19 tal-Parti B tal-Anness 6 ta' dik id-Direttiva għall-bijogass, u fil-punt 2 tal-Parti A tal-Anness tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/1185 għall-fjuwils rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika
fuelsharecars	huwa l-kwantità totali ta' fjuwils użati mill-karozzi tal-passiġġieri, bħala proporzjon tal-kwantità totali ta' fjuwils użati fit-trasport bit-triq fl-Unjoni, kif ippubblikat fl-inventarju tal-Unjoni dwar il-gassijiet serra, f'konformità mal-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika (ir-“Regolament dwar il-Governanza”)
newcars	huwa l-għadd ta' karozzi ġodda tal-passiġġieri rreġistrati
kilometraġġ	huwa l-kilometraġġ medju tul il-ħajja tal-karozzi tal-passiġġieri, li huwa stabbilit għal 240 000 [km]

Għall-parametri Qfuel, GHGsavings, fuelsharecars u newcars, id-data li għandha tintuża hija dik għas-sena kalendarja sentejn qabel is-sena fil-mira jew, meta dik id-data ma tkunx disponibbli, għall-aktar sena kalendarja riċenti li għaliha tkun disponibbli d-data. “

(b) fil-Parti B, il-punt 6.3.1., ir-ringiela “ \emptyset_{miri} ” hija sostitwita b'dan li ġej:

“

\emptyset_{miri}	hija l-medja, ponderata fuq l-għadd ta' vetturi kummerċjali ħfief ġodda ta' kull manifattur individwali rreġistrat fl-2024, tal-miri speċifiċi kollha ta' referenza għall-emissjonijiet determinati f'konformità mal-punt 6.2.1 iżda li għalihom it-TM u t-TM0 jiġu kkalkolati abbażi tal-massa tat-test tal-vetturi rreġistrati fl-2024;
---------------------------	---

“

(c) fil-Parti B, il-punt 6.3.2., ir-ringiela “ \emptyset_{miri} ” hija sostitwita b'dan li ġej:

“

\emptyset_{miri}	hija l-medja, ponderata fuq l-għadd ta' vetturi kummerċjali ħfief ġodda ta' kull manifattur individwali rreġistrati fl-2028, tal-miri speċifiċi kollha ta' referenza għall-emissjonijiet determinati f'konformità mal-punt 6.2.2 iżda li għalihom it-TM u t-TM0 jiġu
---------------------------	--

	kkalkolati abbażi tal-massa tat-test tal-vetturi rreġistrati fl-2028;
--	---

“

(d) fil-Parti B, il-punt 6.3.2., ir-ringiela “ \emptyset_{miri} ” hija sostitwita b’dan li ġej:

“

\emptyset_{miri}	hija l-medja, ponderata fuq l-għadd ta’ vetturi kummerċjali ħfief ġodda ta’ kull manifattur individwali rreġistrati fl-2033, tal-miri speċifiċi kollha ta’ referenza għall-emissjonijiet determinati f’konformità mal-punt 6.2.3 iżda li għalihom it-TM u t-TM0 jiġu kkalkolati abbażi tal-massa tat-test tal-vetturi rreġistrati fl-2033;
---------------------------	--

“

(e) fil-Parti B, jiżdied il-punt 7 li ġej:

“7. Krediti tal-fjuwil u krediti tal-azzar b’livell baxx ta’ emissjonijiet ta’ karbonju.

7.1. Krediti tal-azzar b’livell baxx ta’ emissjonijiet ta’ karbonju

Kreditu tal-azzar b’livell baxx ta’ emissjonijiet ta’ karbonju. = $\text{GHGsavings}_{\text{low-carbon steel}} [\text{kgCO}_2/\text{t azzar}] * \text{il-kwantità ta’ azzar b’livell baxx ta’ emissjonijiet ta’ karbonju magħmul fl-UE użat f’vetturi kummerċjali ħfief mill-manifattur fis-sena kalendarja [t]/(\text{vannijiet ġodda} * \text{kilometraġġ})$

Filwaqt li jitqiesu r-regoli kollha definiti fl-Artikolu 5b

fejn:

$\text{GHGsavings}_{\text{low-carbon steel}}$	hija l-intensità tal-emissjonijiet tas- CO_2 tal-azzar tal-linja bażi — l-intensità medja tal-emissjonijiet tas- CO_2 tal-azzar b’livell baxx ta’ emissjonijiet ta’ karbonju magħmul fl-UE użat minn manifattur f’vetturi kummerċjali ħfief $[\text{kg CO}_2/\text{t azzar}]$ fis-sena kalendarja
newvans	huwa l-għadd ta’ vetturi kummerċjali ħfief ġodda rreġistrati, li l-manifattur huwa responsabbli għalihom, fis-sena kalendarja
kilometraġġ	huwa l-kilometraġġ medju tul il-ħajja tal-vetturi kummerċjali ħfief, li huwa stabbilit għal 300 000 [km]

7.2. Krediti tal-fjuwil

kreditu tal-fjuwil	hija s-somma, għall-fjuwils eliġibbli kollha msemmija fl-Artikolu 5a(2), ta’:
--------------------	---

	$Q_{fuel} * GHGsavings * \frac{fuelsharevans}{newvans * mileage}$
	Filwaqt li jitqiesu r-regoli kollha definiti fl-Artikolu 5a

fejn:

Q _{fuel}	huwa, għal kull fjuwil, il-kwantità tal-enerġija mqiegħda fis-suq tal-Unjoni għas-settur tat-trasport bit-triq, kif irrapportata fil-Bażi tad-Data tal-Unjoni stabbilita skont l-Artikolu 31a tad-Direttiva (UE) 2018/2001 [MJ]
GHGsavings	huwa, għal kull fjuwil, id-differenza bejn il-komparatur tal-fjuwils fossili u l-intensità tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tal-fjuwil kif irrapportata fil-bażi tad-data tal-Unjoni stabbilita skont l-Artikolu 31a tad-Direttiva (UE) 2018/2001 [g CO ₂ e/MJ]
il-komparatur tal-fjuwils fossili	huwa kif definit fil-punt 19 tal-Parti C tal-Anness 5 tad-Direttiva (UE) 2018/2001 għall-bijofjuwils, fil-punt 19 tal-Parti B tal-Anness 6 ta' dik id-Direttiva għall-bijogass, u fil-punt 2 tal-Parti A tal-Anness tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/1185 għall-fjuwils rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika
fuelsharevans	huwa l-kwantità totali ta' fjuwils użati minn vetturi kummerċjali ħfief, bħala proporzjon tal-kwantità totali ta' fjuwils użati fit-trasport bit-triq fl-Unjoni kif ippubblikat fl-inventarju tal-Unjoni dwar il-gassijiet serra, f'konformità mal-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika (ir-“Regolament dwar il-Governanza”)
newvans	huwa l-għadd ta' vetturi kummerċjali ħfief ġodda rreġistrati
kilometraġġ	huwa l-kilometraġġ medju tul il-ħajja tal-vetturi kummerċjali ħfief, li huwa stabbilit għal 300 000 [km]

Għall-parametri Q_{fuel}, GHGsavings, fuelsharevans u newvans, id-data li għandha tintuża hija dik għas-sena kalendarja sentejn qabel is-sena fil-mira jew, meta dik id-data ma tkunx disponibbli, għall-aktar sena kalendarja reċenti li għaliha tkun disponibbli d-data. “

L-Anness II huwa emendat kif ġej:

(a) fil-Parti A (1a), jiżdiedu l-punti (22) u (23) li ġejjin:

“(22) Tul”

“(23) ‘Magħmul fl-UE’;

(b) fit-tabella fil-Parti B, it-Taqsima 2A, jiżdiedu r-ringieli (22) u (23) li ġejjin:

“

(22)	Tul	5
(23)	Magħmul fl-UE	

“

L-Anness IIIa jiddaħħal kif ġej:

“Anness IIIA
Tikkettar tal-Vetturi


PARTI 1: Gradazzjoni tal-parametru ‘emissjonijiet tas-CO₂’ tal-vetturi

Il-klassi tal-emissjonijiet tas-CO₂ għandha tiġi ddeterminata skont l-iskala “A” sa “G” speċifikata fit-tabella ta’ hawn taħt, abbażi tal-valur tal-parametru 5 (“emissjonijiet tas-CO₂”) kif definit fil-Parti 2 ta’ dan l-Anness.

Klassi tal-emissjonijiet tas-CO₂	Emissjonijiet tas-CO₂ f’g/km għall-kategorija ta’ vetturi M1	Emissjonijiet tas-CO₂ f’g/km għall-kategorija ta’ vetturi N1
A	0	0
B	1 sa 25	1 sa 25
C	26 sa 50	26 sa 50
D	51 sa 75	51 sa 100
E	76 sa 100	101 sa 150
F	101 sa 125	151 sa 200
G	126 u ogħla	201 u ogħla

PARTI 2: Il-kontenut u l-format tat-tikketta tal-vettura

(a) Tikketta standard tal-vettura



Elementi ta' informazzjoni li għandhom jiġu inklużi:

1	Għamla (isem kummerċjali tal-manifattur)
2	Kategorija tal-vettura (M1 jew N1)
3	Isem/ismijiet kummerċjali
4	Kodiċi QR li jagħti aċċess għall-elementi kollha ta' informazzjoni deskritti fil-Parti 3 ta' dan l-Anness fil-bażi tad-data tal-prodotti għall-mudell tal-vettura li jikkorrispondi għall-vettura li ħdejha tkun imwahnha jew murija t-tikketta. Meta l-informazzjoni dwar il-mudell tal-vettura ma tkunx disponibbli fil-bażi tad-data tal-prodotti, dan l-element ta' informazzjoni ma għandux jintwera.
5	Emissjonijiet ikkombinati ta' CO ₂ fi g CO ₂ /km għall-OVC-HEV: emissjonijiet ikkombinati peżati ta' CO ₂ fi g CO ₂ /km
6	Jekk applikabbli, il-konsum ikkombinat tal-fjuwil f'L/100km għall-OVC-HEV: konsum ikkombinat tal-fjuwil fil-modalità sostenn taċ-ċarġ ("CS", charge-sustaining) f'L/100km

7	Jekk applikabbli, il-konsum tal-elettriku kkombinat f ^o kWh/100km għall-OVC-HEV: konsum tal-elettriku kkombinat fil-modalità eżawriment taċ-ċarġ (“CD”, charge depleting) f ^o kWh/100km, ikkalkolat kif ġej: konsum tal-elettriku kkombinat fil-modalità CD = konsum tal-elettriku kkombinat ponderat * (emissjonijiet tas-CO ₂ ikkombinati fil-modalità CS — emissjonijiet tas-CO ₂ ikkombinati fil-modalità CD)/(emissjonijiet tas-CO ₂ ikkombinati fil-modalità CS — emissjonijiet tas-CO ₂ ikkombinati ponderati)
8	Jekk applikabbli, għall-vetturi purament elettriċi: awtonomija elettrika f ^o km għall-OVC-HEV: awtonomija ekwivalenti fil-modalità totalment elettrika f ^o km
9	Klassi tal-emissjonijiet tas-CO ₂ kif definita fil-Parti 1 ta’ dan l-Anness
10	Numru tas-serje ta’ dan ir-Regolament: “202x/xxx”.


Dawn l-elementi ta’ informazzjoni għandhom ikunu bbażati fuq valuri miċ-ċertifikat ta’ konformità tal-vettura.

Għal ċerti vetturi, għandhom jiġu applikati l-bidliet li ġejjin fil-kontenut tat-ticketta tal-vettura:

- Għall-vetturi purament elettriċi: il-pittogramma u l-valur għall-element ta’ informazzjoni 6 (konsum tal-fjuwil) għandhom jitħassru;
- Għall-vetturi b’ magna tal-kombustjoni interna u għall-vetturi elettriċi ibridi li jiġu ċċarġjati esternament, għandhom jitħassru l-pittogrammi u l-valuri għall-element ta’ informazzjoni 7 (konsum tal-enerġija elettrika) u l-element ta’ informazzjoni 8 (awtonomija elettrika);
- Għall-vetturi li jaħdmu bl-idroġenu: il-pittogrammi u l-valuri għall-element ta’ informazzjoni 7 (konsum tal-enerġija elettrika) u l-element ta’ informazzjoni 8 (awtonomija elettrika) għandhom jitħassru, u l-unità tal-valur għall-element ta’ informazzjoni 6 (konsum tal-fjuwil) għandha tiġi sostitwita b’kg/100km;
- Għall-vetturi li jaħdmu bil-gass naturali u bil-gass naturali tal-idroġenu: il-pittogrammi u l-valuri għall-element ta’ informazzjoni 7 (konsum tal-enerġija elettrika) u l-element ta’ informazzjoni 8 (awtonomija elettrika) għandhom jitħassru, u l-unità tal-valur għall-element ta’ informazzjoni 6 (konsum tal-fjuwil) għandha tiġi sostitwita b’ m³/100km.

Il-parametri tekniċi relatati mal-materjal promozzjonali msemmi fit-tieni u fit-tielet subparagrafi tal-Artikolu 15a(2) għandhom ikunu l-elementi ta’ informazzjoni 5 sa 9.

- (b) Ticketta simplifikata tal-vettura (“vleġġa tal-klassi”)



Għall-materjal promozzjonali fuq l-internet, it-tikketta tal-vettura tista', bħala alternattiva għat-tikketta standard tal-vettura deskritta fil-punt A, tintwera bħala "vleġġa tal-klassi", kif indikat fil-figura ta' hawn taħt:

Il-vleġġa tal-klassi għandu jkun fiha l-ittra tal-klassi tal-emissjonijiet tas-CO₂ kif definit fil-Parti 1 ta' dan l-Anness. Il-kulur tal-vleġġa tal-klassi għandu jaqbel mal-kulur tal-klassi tal-emissjonijiet tas-CO₂ tal-vettura fuq it-tikketta standard tal-vettura.

L-elementi ta' informazzjoni deskritti fil-Parti 3 ta' dan l-Anness fil-bażi tad-data tal-prodotti għall-mudell tal-vettura li jikkorrispondi għall-vettura li għaliha tintwera l-vleġġa tal-klassi, għandhom ikunu aċċessibbli direttament permezz ta' weblink billi tikklikkja fuq il-vleġġa tal-klassi, ħlief fejn l-informazzjoni dwar il-mudell tal-vettura ma tkunx disponibbli fil-bażi tad-data tal-prodotti.

(c) Format

Għall-aspetti mhux speċifikati fil-punti A u B ta' hawn fuq, il-format tat-tikketta standard u simplifikata tal-vettura għandu jsegwi l-linji gwida rilevanti li jakkumpanjaw ir-Regolament (UE) 2017/1369.

PARTI 3: Informazzjoni li għandha tiddaħħal fil-bażi tad-data tal-prodotti mill-manifattur

Meta jdaħħal informazzjoni dwar mudell ta' vettura fil-bażi tad-data tal-prodotti, il-manifattur għandu jipprovdi l-elementi ta' informazzjoni elenkati hawn taħt. Għall-punti minn 5 sa 10, il-valuri li għandhom jiddaħħlu għal mudell ta' vettura partikolari għandhom jikkorrispondu għall-vetturi individwali bl-inqas u bl-ogħla valuri f'dak il-mudell ta' vettura.

1	Għamla (isem kummerċjali tal-manifattur)
2	Kategorija tal-vettura (M1 jew N1)
3	Isem/ismijiet kummerċjali
4	Identifikatur tal-mudell tal-vettura: Tip, Varjant, Verżjoni
5	Emissjonijiet ikkombinati ta' CO ₂ fi g CO ₂ /km għall-OVC-HEV: emissjonijiet ikkombinati peżati ta' CO ₂ fi g CO ₂ /km
6	Jekk applikabbli, il-konsum ikkombinat tal-fjuwil f'L/100km

	għall-OVC-HEV: konsum tal-fjuwil ikkombinat fil-modalità CS f°L/100km
7	Jekk applikabbli, il-konsum tal-elettriku kkombinat f°kWh/100km għall-OVC-HEV: konsum tal-elettriku kkombinat fil-modalità CD f°kWh/100km, ikkalkolat kif ġej: konsum tal-elettriku kkombinat fil-modalità CD = konsum tal-elettriku kkombinat ponderat * (emissjonijiet tas-CO ₂ ikkombinati fil-modalità CS — emissjonijiet tas-CO ₂ ikkombinati fil-modalità CD)/(emissjonijiet tas-CO ₂ ikkombinati fil-modalità CS — emissjonijiet tas-CO ₂ ikkombinati ponderati)
8	Jekk applikabbli, għall-vetturi purament elettriċi: awtonomija elettriċa f°km għall-OVC-HEV: awtonomija ekwivalenti fil-modalità totalment elettriċa f°km
9	Massa tat-test f°kg
10	Massimu ddikjarat għal vjaġġ sħiħ tal-emissjonijiet f°sewqan reali (RDE, real-world emissions): NOx f°mg/km u Partikoli (numru)
11	Jekk applikabbli, Klassi tal-vettura ibrida (elettriċa)
12	Jekk applikabbli, Fjuwil
13	Data tat-tmiem tal-produzzjoni tal-mudell tal-vettura (ladarba tkun magħrufa)

Barra minn hekk, il-manifattur jista' jdaħħal l-elementi ta' informazzjoni fakultattivi li ġejjin:

14	L-emissjonijiet tas-CO ₂ tul iċ-ċiklu tal-ħajja tal-vettura, kif ikkalkolati u rrapportati skont il-metodoloġija msemmija fl-Artikolu 7a(2), u ladarba tiġi stabbilita din il-metodoloġija
15	“Magħmul fl-UE” (iva/le), skont l-att delegat imsemmi fl-Artikolu 15a(7)
16	Vettura elettriċa żgħira kif identifikata f°konformità mal-punt 2.4 tal-Parti A tal-Anness I għar-Regolament (UE) 2018/858

“.